# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaûdex jisûielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisûielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeûûak b'cull xorta ta daûl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IT-30 TA SETTEMBRU, 1913. NRU. 84.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaûħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneû minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Cliem tad-deheb.

I.

## Haûn il għacs.

Din tal għacs tas-seû li m'hix ħaġa ġdida, il għaliex minn dejjem dil chelma chergħa nisimgħuha, bejn carba u bejn tniehida, ħierġa minn ġeûûa il fomm ta bosta; imma, din id-darba, donnu, li il għacs kiegħed jagħfas actar bil herra. Ma nitħadtux fuk pajjiżi oħra, fejn jinsab ucoll il għacs; ngħidu għalina haûn Malta. Dari, din in-nitfa ta gżira tagħna,għal-chemm mimsusa ucoll mit-tbatija, iżda, fiċ-ċocon u il fakar taħħa, chienet tati il ħobż mhux biss lill Maltin, imma saħansitra ucoll lil mhux ftit barra-nin, li chienu iħallu lill'acbar u l'ogħ-na pajjiżi, u jiġu haûn Malta ifit-txu u isibu il għajxien taħħom.Imma, issa, Malta tbiddlet. Ma nafx x'ûaka, f'dakka ûaħda, fuk Malta. Jecc, biss-biss, tħares lejn it-triekat taħħa, f'li bliet u fir-rħula, ma tarax ħlief djar battala.

Għandec mnejn issib it-triekat sħaħ, li donnhom triekat tal meût, jagħfsu-lec kalbec b'daûc il bûieb u it-tûieki magħluka, immarcati b'dac l' avvis tad-diek-il-kalb: SI LOCA; ħemda lie-ma bħalha, li donnha tûaħxec. Imma, il għala din il cotra ta djar battala, mita Malta għadha,bħal dari, miżgħu-da bin-nies? Hemm bżonn nistaksu? Il għacs għamel dan collu! Il għacs checċa il barra minn ġeûûa id-djar, recchen u rassas ġeûûa dar uaħda lil żeûġ jeû tliet familji, li dari chie-nu igħammru cullħadd f'dar għaliħ.

Battala id-djar, għax battala in-nies mix-xogħol. L'aħjar mgħallmin, l'akûa ħaddiema, li katt ma chienu jafu b'kagħad, illum tarahom,jeû ûiekfa fl' imsieraħ b'rashom imnizzla fuk si-dirhom, b'dirgħajhom marbuta, b'kalb-hom dejjka, ħusbenin, ħiemda; jeû jiġġerreû minn haûn għal hinn, ifitt-xu, jittallbu ix-xogħol. U xogħol ma isibux. Jasal nofs in-nhar, jiġi fil għa-xija, u l'imsejcnin, magħfusa minn ksim il kalb u mil mistħija, jirħulha lejn id-dar. Haûn isibu iċ-ċorma tat-tfal, imkabbdin ma djul ommhom, jibcu, jixhru, jitolbu il ħobż. U ħobż ma hemmx!

Imma, il bniedem chemm jiflaħ idum jissara mal ġuħ? Jecc biex ticseb biċċa ħobż, ma isservix u la is-saħħa fid-dirgħajn, u ankas il ħila fis-sen-għa, l'iżjed li ûieħed jista jagħmel jatiha għat-talb. Tas-seû li it-talb għal min għandu ûiċċu hu l'eħfef sengħa; u għalhecc minn dejjem, u specjal-ment issa, ma naraûx ħlief rgiel u nisa, cbar u żgħar, min għandu bżonn u min ma għandux bżonn, jiġġerreû fit-triekat, iûakkfu nies, iħabbtu bûieb, bin-nhar u bil-lejl; imma, għal daûc li ûiċċhom ma jatihomx (u daûna icunu l'actar li għandhom bżonn) għal daûn l'imsejcnin it-talb hu martirju, u martirju hecc aħrax, li haûn bosta minnhom, li fihom il kaûûa tal mi-stħija tagħleb lil ħruxija tal ġuħ. Oħ, xi drabi, li ma chienux il mira-coli tal Provvidenza t'Alla, chemm chiecu chienu jinsabu, ġeûûa xi djar, il cadavri ta nies, li icunu mietu bil ġuħ!

Tittallab ûara il bûieb, biex tiecol! Imma, mhux cullħadd jinkala' għat-talb. U, imbagħd, il klieħ mit-talb sa fejn jista iûassal, jecc actar haûn minn għandu il bżonn li jitlob, milli haûn min jista' jati il għajnuna lil min jit-lob? U daûc, li huma miżmuma b'nies li jistgħu igħinu lil min hu fil bżonn, daûc collha icunu tabilħakk jistgħu jatuha din il għajnuna? Bħalma f'mâ-gna ta arloġġ ir-roti collha igħinu lil xulxin, billi ûaħda iddaûûar lill'oħra u għalhecc, malli tiekaf imkar l'iżgħar ûaħda, jekfu maħħa ir-roti l'oħra coll-ha, cbar u żgħar; hecc aħna fid-dinja; icun magħfus il fkir? ma icunx jakla' il ħaddiem? Maħħom jintgħafas u ibati is-Sinjur; dac, jiġifieri, li biex igħix u miegħu igħajjex lill'oħrajn, irid idaħħal ir-renti mil chira tal bini u ir-raba, li icollu. Imma, x'renti u chemm renti hu idaħħal tad-djar bat-tala, tad-djar li, għalchemm micrija, iżda għal dac li hu ħlas, dana isir jeû bir-roħs jeû bil flus tal cliem biss?

(*Jissocta*) A. S.

## L'Alfabett tal Malti.

Krajna articlu tas-Sur Alfredu Lucchese P.L., fejn dan il chittieb ûira ix-xeûka li ħafna poeżiji bil Malti milli jinsabu mxerrdin fil gażetti u f'*carti volanti* jinġabru f'cotba, għax inchella maż-żmien jispiċċaû biex jin-tilfu; u, kabel xejn, niżżuħ ħajr talli għoġbu igħoddna ma daûc li, chif jidhirlu hu, il poeżiji taħħom imisshom jinġabru hecc.

Minn għalina, ma ngħidu xejn fuk dan, għax, jecc infaħħru ûisk il ħsieb tas-Sur Lucchese, actarx icun haûn min ikassas li kiegħdin niġbdu in-nar lejn ix-xaûûata tagħ-na! *Il għajjurin*—issocta igħid is-Sur Di-mech fuk is-Sur Lucchese—*ifixclu cull ħaġa tajjba f'Malta*! Ngħiċu biss li aħna, ilu fuk għoxrin sena, conna sibna ħabib li ġabar fi ctieb *ħamsin poeżija* minn tagħna; u jecc jinkala' xi ieħor, natuħ il bkija, *sagri* u *profani*—imma l'actar is-*sagri*, għax iżjed għal kalbna—li huma miġbura u lesti, chemm jibdeû jinħadmu b'li *Stampa*: iżda biex narfgħu dan il ħsieb aħna, naraûha tkila, għax ninsabu ûisk mgħobbijin b'xogħol ieħor. U, fuk collox, ma jidhrilniex li, jecc ma toħroġx il ġabra tal poeżiji tagħna, sejjra taka' Malta. L'eûûel il fejda tal Poplu u imbagħd ir-rix tagħna!

Is-Sur Dimech kâl ucoll li, biex jirnexxi il ħsieb sabiħ tas-Sur Lucchese, hemm tfixchil ieħor: l'alfabett. U f'dan aħna ngħidu mie-għu, għax illum, li haûn ħafna jictbu bil Malti u li il karrejja tiegħu kiegħdin joctru bis-siegħat, hi għarucaża cbira li ma nictbux ilcoll b'alfabett ûieħed. Issa ûasal tas-seû iż-żmien li nitkanklu fuk din il biċċa u na-raû bil għajnuna t'Alla nistgħux niftehmu darba għal dejjem.

Għedna *issa ûasal tas-seû iż-żmien*, mhux għax dan il ftehim ma chienx imissu ilu li sâr, imma għax illum il chittieba it-tajjbin resku ħafna lejn xulxin, li ma bakax ħlief intietef żgħar li ma jaħblux fihom; u iżjed u iżjed għax illum spiċċaû il qûistjonijet il cbar mal Gvern fuk id-*w*, fuk il *y* u fuk xi ittri inglizi oħra, li chien ûebbes rasu għalihom.

Billi, mbagħd, jibkgħu xi tixlifiet żgħar fl'*ortografija*, ma ifisserx li ma jistax icollna *alfabett ûieħed*. Bit-Taljan stess, fost il chit-tieba il cbar nett ta 'llum, hemm min idaħ-ħal cull mument l'*i lunga* (*j*) u hemm min

ma idaħħalha katt; hemm min jicteb *propri sotterfugi, pregi* u hemm min jictibhom *pro prii, sotterfugii, pregii*; hemm min jicteb *ho, hai, ha, hanno* u hemm min jictibhom *ò, ài, à, ànno!* Jigifieri inkas fuk l'*ortografija* tal verb l'actar mexxej, ma jakblu bejniethom! Araŭ il Fanfani u il Petrocchi, l'akŭa żeŭġ *Dizzjunari* muderni tat-Taljan!...

Aħna, fi ftit cliem, ilcoll nictbu il Malti bl'*alfabett taljan*, li żidnielu biss ftit *sinjali* tal bżonn għal xi *leħnijet* tagħna; u fuk daŭn is-*sinjali* nistgħu niftehmu malajr. L'*ortografija* ħaġ'oħra: dic ma tistax tigi ħlief billi il chittieba tat-taħriġ ifittxu li jimxu fuk l'imħarrgin: u dan, *mita l'alfabett icun ŭieħed*, iseħħ malajr, għax l'itkal hi l'eŭŭel xejra!

Nistkarru aħna ucoll li tal *letteratura maltija* għad ma għandniex ħlief il *fosdka*: imma dan ma ifisserx, chif iħarrfu daŭc li ma jifhmux, *li ma għandniex ilsien tagħna*: għandna ilsien għan., sabiħ, mexxej u għaref mill'iżjed, għax mhux it-*termni semplici* jagħmlu il lsien, imma is-saħħa tal *verbi* u tal *pronomi*, il kaŭŭa u il ħeffa tal *frasijet*, in-nisġa tal *grammatca* u l'*imitazzjonijet tan-natura*, li fil Malti huma collha ta ġmiel tal għageb.

Naħsbu, mela, għal dan li mbierec *alfabett*; u, imbagħd, ŭara jigi collox. Malli jitkankal xi ħadd biex ikakka' il chittieba tal Malti (u haŭn min jista' jagħmlu bla tbatija), lîlna isibna miegħu, biex ngħinuħ bil ftit li nafu.

Li niġġieldu fuk l'*alfabett* u fuk l'*ortografija*, le: għax hecc ŭegħdna fl'eŭŭel ħarġa tal *Habib* u hecc icun, sa chemm il *Habib* nagħmlu minnu aħna: imma li nitfgħu iddgħajjsa il-kuddiem chemm nistgħu, biex ilsienna icollu l'*alfabett* tiegħu bħall oħrajn, dan nagħmluħ b'kalbna collha, għax inħossu li hu dmir imkaddes tagħna. U xejn ma ncunu niftaħru jecc ngħidu li dan iddmir ħassejnieħ minn dejjem, għax, cull mita, minn erbgħin sena il-haŭn, ħabtet titkankal ix-xeŭka tat-tisŭija tal alfabett malti, aħna conna mdeffsin fiha. Anzi, darba, ittisŭija chienet għoddha lesta, għax il Cumitat ta ħamsa min-nies (il Professur Napuljun Tagliaferru, is-Sur Manŭel Carŭana, il Cavalier Achilli Ferris, is-Sur Nin Muscat-Fenech u Ġużè Muscat-Azzopardi) li chien giè magħżul bil vôti segrieti tal chittieba tal Malti collha, miġburin f'*lakgħa generali*, diġà chien ħtar *alfabett ħafif u mexxej mill'iżjed*. Ma sârx ir-*Rapport* fuk xi ftietak tal *Ortografija*: imma fuk l'*Alfabett* daŭc il ħamsa min-nies, li, ma tûl ix-xogħol, chienu għakkdu maħħom ucoll is-Sur Ġann Vassall, ma chellhom ebda għilt bejniethom.

U dac iż-żmien il chittieba tal Malti chienu għadhom ŭisk actar bgħid minn xulxin fil ħsiebijet taħħom, chif ucoll chienu ŭisk inkas fil għadd, seŭŭa huma u seŭŭa il karrejja: illum imxejna ħafna u irsakna tant fil krib, li, f'lakgħa jeŭ tnejn, nistgħu nitbeŭŭsu, mhux biss fuk l'*Alfabett*, li hu ħaġa żgħira, imma saħansitra fuk il pedamenti tal *Ortografija*.

Imbagħd, mita nibdeŭ nibnu fuk *pedamenti tajjba*, il ħitan il cbar, it-tirgien u l'iskfa jitilgħu b'saħħithom; u jecc fit-taksim tal cmamar u tal gabubi ma nakblux għal-collox, id-dar mhix sejjra taka'!

Ħaġa biss tbeżżagħna! Min ma iridx jaħdem ħlief chemm jakla' il ħobża ta cull jum, ma ibatix bil gieħ tas-sengħa tiegħu u ma iħabbatx rasu biex ix-xogħol li joħroġ minn taħt idejħ icun tajjeb u imfaħħar! X'nagħmlu, mela, b daŭc li żebgħu ŭiċċhom ta chittieba u m'humiex ħlief jitilku massakajn *Hajjet tal Kaddisin, Cotba tal Cnisja, Stejjer ta Malta, Rumanzi* bħad-deŭŭiedija u mit elf *għacs* ieħor?... Malta u Għaŭdex jinsabu miżgħudin bihom; u jaħtieġ nistkarru li il karrejja il baxxi, l'actar in-nisa, ma ipartux *ħmerija* minn daŭc mal aħjar ctieb ta Annibale Preca!

Daŭc huma l'acbar għedeŭŭa tal *Alfabett* u tal *Ortografija*: u, kabel xejn, għal daŭc irridu naħsbu!

## Il Pregiudizzi contra il Kassisin.

(*Jissocta mal ghadd 83*)

Ir-raba' pregiudizzju. Il kassisin huma agħâr mis-seculari.... Inŭ egeb.

Fil cotra cbira ta kassisin, jinsabu xi uħud li ħâdu dan li stat mingħajr ma chienu msejjħin mn'Alla, iżda actarx imħabba xi speculazzjoni, inchella bil għaŭi ta nieshom. Daŭna daħlu mit-tieka fis-Sacerdozju, u xejn ma għandcom tistgħagbu li daŭn jonksu mid-dmirijet taħħom. Li daŭn huma agħâr mis-seculari, jena nistkarru, għaliex il scandlu taħħom hu ŭisk ictar gravi: iżda m'hux xierak nitfgħu fuk il kassisin collha li scandli ta ftit minnhom—ftit ŭisk, li tgħoddhom fuk ponot subgħajc: aħna dan diġà rajnieħ meta tchellimna fuk ix-xeħħa tal kassisin. Hadd, immela, ma jista igħid u ixerred din il calunja. Mita taraŭ u tisimgħu b'xi scandli ta Sacerdot, għidu li dâc sâr kassis bla vocazzjoni (sejħa) t'Alla. Aħna Maltin għandna biex nifirħu, għaliex il Cleru ta Malta u ta Għaŭdex huma mill'aħjar tal Eŭropa. Prova ta dan chellna fil Cungress Eŭcaristicu: hemm deher ix-xogħol tal kassisin u il Patrijet: deher chemm iħabircu għall gid tal erŭieħ, u għall gloria t'Alla. Cunu afu li Alla l'imbierec jippermetti li is-Sacerdoti jiġu iddisprezzati, sabiex fid-dinja icun haŭn prova ċara tad-divinità tar-Religjon nisranija. Gesù Cristu mita bagħat l'Appostli tiegħu jippriedcaŭ l'Evangelju maddinja collha, kallhom: Jena nibagħtcom bħala ħrief kalb il lupi: jena gejt ipperseġŭitat u tcunu ipperseġŭitati intom ucoll: *Mitto vos sicut agnos inter lupos.... Si me persecuti sunt, persequentur et vos*. U dac li Gesù Cristu kâl lill'Appostoli, tennieħ lis-Sacerdoti li għandhom icomplu il predicazzjoni tiegħu. Il persecuzzjoni, immela, hi ŭirta mħollija minn Sidna Gesù Cristu lill Ministri tar-Religjon tiegħu. U jecc hi ŭirta tiegħu, tigi il conseguenza li il persecuzzjoni tati is-sinjal tal Ministri tar-Religjon nisranija. Iżda minn dan is-sinjal ma għandhomx il Ministri tar-Religjonijet l'oħrajn.Mela daŭc m'humiex Ministri tal vera Religjon. Is-Sacerdoti Cattolici igibu fuk ġbinhom il persecuzzjoni: huma, immela, il veri Ministri tal vera Religjon. U għalhecc il persecuzzjoni li isofru, f'lôc ma tipprova li huma ma jiddefendux caŭża tajjba u li m'humiex tal parti t'Alla, tipprova collox il contrarju.Minn f'lôc, immela,ma nieħdu scandlu mita naraŭ il kassisin iddisprezzati, iccalunjati, ipperseġŭitati, għandna ngħidu: «Dan hu veru sinjal li huma veri Ministri ta Gesù Cristu u tar-Religjon tiegħu.» San Paŭl chien ighid għaliħ in-nifsu: «*Christi servus non essem si adhuc hominibus placerem*.» Jecc jena ngħoġob lill bniedmin ma icunx segŭaci ta Gesù Cristu. U hecc igħidu ucoll is-Sacerdoti: «Jecc nogħgbu lid-dinja, ma ncunux Ministri ta Gesù Cristu: iżda aħna ipperseġŭitati: mela, aħna veri Ministri tiegħu.»

Fid-dinja jinsabu pregjudizzi oħra contra il kassisin: imma jena inħallihom u nispiċċa b'tagħlima ta Sidna Gesu Cristu fuk l'imgiba tal insara mas-Sacerdoti: *Qui vos audit, me audit: qui vos spernit, me spernit*. «Min jisma il chelma tal kassisin, jisma il chelma tiegħi; min lilhom jiddisprezza, jiddisprezza lili.» Mela, la intom tħobbu il Sidna Gesù Cristu, ma għandcomx tiddisprezzaŭħ, billi iżżebilħu il kassisin: għandcom tirrispettaŭhom, għandcom tħobbuhom bħala rappresentanti t'Alla, għandcom tcunu taħħom. Fuk is-sodda tal meŭt, icun ixxortjat dac li, ŭara li icun sama il chelma tal kassis f'ħajjtu, isibu ħdejħ. Imbagħd, jagħraf il vantaġġ li chellu bir-rispett tiegħu lejn il kassis: imiss b'idejħ is-sbuħija tal għamil tiegħu, u iroddlu il hajr għal chemm hi tŭila l'eternità, għaliex minnu icun jagħraf ir-rebħa tal Genna.

DUN PIER BATTISTA AGIUS,
*Cappillan ta ħ'Attard.*

# Li Storja tal Papiet.

V.

## San Anacletu.

Dâm Papa 12 il sena, 10 xhur u 7 ti jem. Bida jaħdem fis-sena 100—miet fis-sena 112.

Ma nistgħux inħarsu lejn il ħidma u ixxogħol tal Papiet mingħajr ma inħossu ruħna nintleŭ bil għageb xhin nokogħdu nicconsidraŭ chif kalb tant taħbit tal għedeŭŭa u biċ-ċarcir ta demmhom ħarġu dejjem rebbieħa.

Prova oħra ta dana jatihielna San Anacletu. Diġà għednieħ kabel li bosta chittieba iħalltu dan il Papa mal Papa l'ieħor San Cletu u minnhom it-tnejn jagħmlu Papa ŭieħed.

Imma contra taħħom ngħidu li San Anacletu chien Papa divers minn San Cletu. Diversa difatti hi l'art fejn tŭieldu, diversi il genituri taħħom, diversi l'opri taħħom, diversi il ġranet li fihom il Cnisja tmur tatihom l'unuri u il kima taħħa. San Anacletu tŭieled f'Atene u jagħraf b'missieru certu Antisau. Ordnat Sacerdot mill'istess San Pietru, dejjem ŭira lejħ kima cbira tant, li saħansitra bnielu cnisja fuk il kabar tiegħu, seŭŭa-seŭ fejn illum jinsab il Vatican.

Ŭisk hemm xi tgħid fuk il kdusija, fuk il għerf, fuk il prudenza ta dan il Papa: prudenza, għerf u kdusija li bihom isserva biex igħaddi il-kuddiem u dejjem iżjed icabbar il Cnisja ta Gesù Cristu. San Anacletu ħachem il Cnisja fil ŭakt li chien isaltan ġo Ruma l'imperatur Trajanu, li kajjem geŭŭa Ruma persecuzzjoni contra l'insara, persecuzzjoni li, chif igħid Eŭsebju, xterdet mad-dinja collha.

F'din il persecuzzjoni, ħadu il martirju San Xmun bin Cleŭfa, ŭerriet fil *Vescovat* ta Gerusalemm ta ħuħ San Ġacbu, Sant'Injazju iskof ta Antjochja, Santa Domitilla ma sħabha, San Parmena ŭieħed mis-seba' Djaconi, u numru l'iżjed cbir ta suldati.

Ma tant kalbiena, ħa ucoll il martirju San Anacletu fis-sena 112 ta Cristu, ŭara li chien għamel sitt Iskfijet, sitt Sacerdoti u tliet Djaconi. Giè midfun fil Vatican, ma genb San Pietru. Għaddeŭ bosta secoli minn mita San Anacletu xerred demmu għalbiex jiddefendi it-tŭemmin ta Gesù Cristu: imma ismu għâdu sa 'llum il ġurnata jistama bħala isem li ħakku cull kima. Unur, glorja, tifħir lill cbir Vigarju ta Gesù Cristu.

CAPP. A. BONANNO.

### RIMEDJU GĦAL MIN HU XHIH

Sinjura, xiħa u xħiħa, intakgħet mat-Tabib fit-triek; u biex tiffranca il flus tal vîsta, staksietu:

—Sur Duttur, x'tagħmel mita tieħu flissjoni kaŭŭija?

—Nagħtas — irrisponda it-Tabib; u baka' sejjer.

Mil LUCERNA TAL HAJJA.—75. Il cunxenza dejjem tavżac kabel ma inti tagħmel xi ħaġa: ara katt tmur contra taħħa.

# Ma dûarna.

Illum bdejna ngibu damma ta articoli, li, għad li gietna bla isem, għoġobna nsemmuha *Cliem tad-deheb*, għax hecc hi, chif ucoll tgħidu intom, mita tcunu dħaltu il geŭŭa fiħa. *Haŭn il għacs* hi l'eŭŭel biċċa taħħa; imbagħd, tigi *l'Emigrazzjoni*; imbagħd, *Għaliex haŭn il għacs?*; imbagħd, *Nibcu għandna, mhux nidħcu*. U iddokk, iddokk bl'oħxon, lil cull min imissu! Il chittieb taħħa ma ridniex ngħmlu ismu sħiħ; u aħna obdejnieħ, għad li fuk kalbna: iżda ngħidu biss li *A. S.* chiteb cotba bil Malti chemm għandu xagħar f'rasu u il cotba tiegħu dejjem inħatfu, għax jaf x'igħid u jaf igħidu.

—Niżżu-ħajr b'kalbna collha lill ħabib għażiż tagħna, ir-Reverendu Patri Lettur Duminicu Azzopardi, tal Predicaturi, li bagħtilna daŭn il ġranet il ctieb li ħareġ fuk il *Cungress Eŭcaristicu*; u biex dac li iħobb jarfa' salibna ma jigix b'xi oħra minn tiegħu, nistkarru li il ctieb ŭaslilna kabel ma ħareġ l'aħħar *Habib*: imma, billi dan chien diġà taħt il mâgna, ma stajniex inseŭŭu il biċċa. Nakraŭ il ctieb bi ħrara cbira.

—Raġa chellna nħallu għal gimgħa oħra il poeżija tas-Sur Arena: id-Direttur jipproponi u il Protu jiddisponi.

—Niżżu-ħajr bil kima tagħna collha lill-l'Eccellentissimu Monsinjur Arci-Iskof, li għoġbu jibgħatilna il *Pasturali* maħruġa Minnu biex igħarraf li Birżebbuġa giet magħmula Parroċċa u li b'Cappillan taħħa giè magħżul ir-Reverendu Dun Carm Bugelli, Sacerdot tajjeb, tad-dehen u ħabriechi.

—L'articlu tas-Sur *G. D. Gnni.* fuk il *Munita falza*, articlu ta fejda cbira, għall gimgħa id-dieħla.

—Nhar il ħamis li għadda, saret lakgħa tal *Cumitat Patrijotticu*; u pitgħada issir lakgħa tal *Cumitat tal Cungress Eŭcaristicu*. Għadha ma għamlitx xita: imma il bebbux bida ħiereġ.

—Il Professur Billion għamlilna rigal li ma conniex nistenneŭħ: rigal cbir, li, darba, chien għamlilna ieħor bħalu il Professu-Salvu Castaldi, Alla jatiħ il Genna: ittrar ducja bit-Taljan, f'Sunett mil ġŭappi li jaf jagħmel hu, in-nitfa ta Sunett tagħna lill San Bartilmeŭ. M'hemmx bżonn ngħidu li it-*traduzjoni* tfiet *l'original*: imma l'onur li chittieb bħal dac bit-Taljan ried jitlef siegħa żmien mal Malti tagħna, hu cbir għalina: u niżżuħ-ħajr b'kalbna collha.

—Ir-Reverendu Dun Gjusepp Francalanza giè jistaksina jecc ingibulux fil *Habib* tifsira (*rettifica* kalilna hu) għal dac li chiteb il *Habbâr* tagħna fuk *l'Accademja tal Festi Costantinjani*; u aħna, bla tkanżiħ ta xejn, għidnielu: "Iva: basta tcun bi cliem xierak." Imma li stess cliem tal ittra li bagħtilna jinsab imtenni f' gażetta oħra (donnu mictub minn id ŭaħda); u allura m'hemmx għal fejn narġgħu ingibuħ haŭn. Tarġa, aħna, fuk is-Surmastrijet, ma għandniex il fehma tiegħu; u ma ngibux fil *Habib* ħŭejjeġ li, chif jidhrilna aħna, idaħħcu in-nies bîna.

# Minn gimgħa għal oħra.

*19 ta Settembru.* Il Gvern jgħarraf li il President tal Korti u Vici President tal Consill Sir Joseph Carbone talab li jitlak mħabba f'saħtu u li il Gvernatur, għad li fuk kalbu ħafna, ma meriehx. Il Gvernatur, biex jistkarr magħ collħadd il kima cbira li għandu lejh u juri chemm igħożżu, jagħmillu l'acbar tifħir għal chif hu keda' il pajjis u laħak dmiru fil ħamsa u erbgħin sena li dam fis-servizz.

—Il Gvern ordna li ichel u xorb għandhom fil ħŭienet fejn jinbiegħu jinżammu magħluka jeŭ mgħottija, li id-dubbien u dud ieħor ma jistgħux iniġġsuhom.

*20 ta Settembru.* Ilbieraħ, Ŭenzu Bonnici *ta Paŭla* u l'aħŭa Ġocond u Salvu Schiavone ta *Stiefnu*, għal ħabta tat-tlieta ta filgħodu, ħarġu minn Marsascala għal lampuchi. Chien il baħar, u chif ŭaslu taħt ir-riħ ta Dellimara id-dgħajjsa nkalbet bihom. Alla ried li rahom il patrun *taz-zopp*, li kadef għal fukhom għal ajjut. L'aħŭa Ġocond u Salvu ħelsu mil għarka, imma Ŭenzu Bonnici x'actarx li chien laħak niżel, għax għalchemm fittxeŭħ fil ħin u ŭara ma insabx. Mischin il fkir chemm irid ibati biex jakla' ħobżu! U mbagħad nrekku miegħu.

—Dalgħodu, Paŭlu Dingli ta' b'sicchina lil Michiel Bartolo, dac li hemm bil ħanut tal ħaxix ŭara is-Suk. Paŭlu u Michiel chienu ħbieb, u haŭn il lejl lagħbu flimchien biex ikattgħu siegħa żmien. Donnu li ŭakt il logħob Paŭlu ŭaġġa' b'xi chelma lil Michiel u dan ħà hecc għalih li medd idejh fuku. Paŭlu, sab ruħu minn taħt u ma jistgħax jitħallas fil ŭakt minn Michiel, heddu li joktlu l'għada. Cont taħseb li mgħar-rakda tgħaddilu is-saħna tad-demm, u hecc ucoll fehem Michiel, li filgħodu bla ħsieħ ta xejn chien kiegħed jinnaviga f'ħanutu. Imma l'ieħor chien kiegħed jonsbu, jistenna' il ŭakt, u chif deherlu marlu minn ŭara, silet is-sicchina minn ħżiemu u tahielu f'genbu. Is-sicchina bakgħet mŭaħħla u hu telak jiġri. Michiel ntelak għal mejjet; sejjħu il kassis, li karru u għamillu il Vjatcu u'l Grisma, u mbagħad ġarruħ l'Isptar, jilgħabha mgħal meŭt. L'ieħor meta ntebaħ bli għamel u ħass geŭŭa iniggżu mar minn jeddu jati ruħu f'idejn il Pulizija. Bcejjeċ bħal daŭn huma ta min jistorhom, għax la jagħmlu unur lil pajjis li fiħ ġraŭ u ankas gid lil min jakrahom. Imma hecc sejjra id-dinja, u mux dejjem tista' tagħmel dac li hu aħjar, għax tista' għal gid titlef ŭieħed acbar. Intant daŭc, li dmirhom hu li iżommu dejjem mħaġġeġ id-daŭl taċ-Civiltà u tar-Religjon, ma jorkdux, li Alla ma għadx jitlobhom cont tal għama ta daŭc li huma l'għajb ta ħuthom il bniedmin l'oħra.

—Bejn il Maltin li hemm fil Canada saret xirca għal għajnuna ta xulxin. Taŭha l'isem ta «Cavalieri ta Malta,» u fil ħmistax tad-dieħel għandha issir *l'inaŭgurazzjoni*, il ftuħ tagħha. L'*Istatut* jaħseb ucoll għar-ruħ tal imsieħbin, għax igħid:— *Jecc x'imsieħeb imut icollu difna chif għamlet il Cnisja u issirlu kuddiesa għal mistrieħ ta ruħu.* Chellna biża cbir li il Maltin, li joħorġu minn Malta, meta isibu ruħhom kalb it-taħsir u'l ħażen ta barra jinseŭ il huma ulied San Paŭl; imma niżżu ħajr ll'Alla ma donnux hecc milli naraŭ. Disgrazzja cbira tcun għalihom jecc biex isibu l'għaxjen ta gisimhom jitilfu dac ta ruħhom, irridu ngħidu li fidi, li hi akŭa u għeżeż minn collox. Mit darba l'għacs u'l meŭt milli titlef lilha, għax ta haŭn collox jgħaddi.

*21 ta Settembru.* Ŭara nofs in-nhar l'Iskof ta' il Barca fil Parroċċa il ġdida ta Birżebbuġa, kabel ta' il pussess il Cappillan, Dun Carm Bugelli, li chien darb'oħra Cappillan ta San Giljan u mbagħad Canoncu ta Bormla u dan l'aħħar Cappillan tas-Sorijet Maltin f'Gorfŭ. Ragel tad-dehen u mimli bil ħrara u bil ħeġġa, icun jista' jagħmel gid cbir u jgħaddi il kuddiem il Parroċċa ġdida. Taħt dan l'Iskof barra minn din saru għaxar Parroċċi oħra ġodda.

*23 ta Settembru.* Illum il Magistrat Camillu Mifsud bida il *compilazzjoni* ta dac Paŭlu Dingli, li is-sibt li għadda chien ta' bis-sicchina lil Michiel Bartolo, li chif smajna għadda għat-tajjeb u m'hemmx biża actar li imut bil ferita.

*24 ta Settembru.* Jaħtieġ il il biċċa tal vaġġja tisseŭŭa mil actar fis. Isimgħu din. Ittra minn Napli damet sa ŭaslet haŭn sitt tijem, għaliex fil Posti tal Italja ma jafux meta u mnejn għandhom jibagħtu l'ixchejjer bl'ittri għal Malta. Irridu jigina il frustier Malta, u ankas biex tigina ittra ma għandna biss! Ta ġurnal illustrat, li joħroġ darba fil gimgħa, geŭŭa tliet numri f'dakka; dan ifisser li l'eŭŭel u't-tieni ŭieħed damu il ġranet jitkaddu geŭŭa Posta kabel ma sabu it-triek tagħhom.

—Chif conna ħabbarna u issa nakraŭ fil *Manitoba Free Press*, il Maltin li hemm Winnipeg, fil Canada, biex ifaccru it-8 ta Settembru ntakgħu, għamlu pranzu u saru fih discorsi l'actar sbieħ. Bravi il Maltin!

—Il flotta tcun haŭn għal erbatax ta Novembru, u't-telegrammi tal lbieraħ jgħarrfuna, li f'dan ix-xahar għandu icun haŭn fil Mediterran numru cbir ta bcejjeċ tal għerra inglisi u isiru manuvri barra mis-soltu biex jatu risposta lil xi potenzi minn ta dŭarna.

—Il vapur *Pruessen*, li hemm sorġut Lazzarett u ŭasal haŭn bil ħruk fuku, kiegħed iħott it-tagħbija. Mħabba fir-riħ kaŭŭi tal ġranet li għaddeŭ bit-tbatija rnexxielhom jitfulu in-nhar.

IL HABBÂR.

# Chitbulna:—

Valletta,
fid-19 ta Settembru, 1913. (*)
Sur Direttur tal *Habib*,

Krajt fil *Gazzetta di Malta* (u nifhem jen krajt int ucoll) li haŭn min irid ikankal festa ġŭappa għat-*Tifchira ta mita geŭ l'Ingliżi*, għax, kalu, ngħalku *mit sena* taħthom is-sena li gejja. U krajt ucoll f'li stess *Gazzetta di Malta* li il *Chronicle* tixtiek li f'din il festa ma icunx haŭn partiti, biex tcun festa cbira, festa ta cull-ħadd! Naturalment biex tnissi lil daŭc il ħbieb li jidhru l'*Avviżi* tal lakgħat taħħom fiha (fiha biss) il festa tal *Cungress Eŭcaristicu*!

Jena nixtiek li chellna biex jeŭ għad icollna biex nagħmlu festa, cbira lill'Inghilterra, għax aħna *fidili* lejha u inħobbuha, chif tgħallimna Ommna il Cnisja Mkaddsa: imma naraŭ ftit xturna, għax il kmis ekreb miċċeppun, igħid il Malti!

Mela, l'eŭŭel nett, l'Ingliżi ilhom li għalkuha il *mit sena*, għax ilhom jaħcmu fukna mil 5 ta settembru 1800; u dic il lejla, ŭara li żarmaŭ lilna, daħlu armati f'din il Belt bil fehma sħiħa li ma joħorġu katt iżjed minnha, għad li taparsi chienu ħaduha biex jarġgħu jatuha lil Cavalieri — chif jidher mid-*Documenti Storici* li chixef Monsinjur Mifsud, Bibljotecarju tal Gvern, u li int stess gibt ħafna minnhom f'*Nazju Ellul*.

Tarġa, il *Chronicle* u daŭc li jixtieku il festa (ftit ŭisk huma, niżżu-ħajr ll'Alla!) jistgħu jibkgħu sguri li partiti ma jistax ma icunx haŭn, għax icun haŭn *il partit ta daŭc li ma iriduhiex*; u, għad li bil kima collha, icun partit cbir cbir ferm, għax icun fiħ daŭc collha li m'humiex bi ħsiebhom ibiccu l'ommhom!

Fl'aħħar, imbagħd, Sur Direttur, irrid inŭissi lil x'erba' *għomi* jeŭ *fanatici*, li, forsi, għandhom mnejn jindaħlu mingħajr ma jifhmu x'deni cbir icunu kiegħdin iżidu mad-deni collu li għandna. U din it-*tŭissija* irrid ngħasarha f'mistoksija ŭaħda: Chiecu din il festa iridu jagħmlulha għall gid tagħna, chienu iħabbruha u iħaddnuha is-*Suldati ingliżi*?......

(*) Din l'ittra, bħalma taraŭ mid-*data* taħħa, messha toħroġ il gimgħa l'oħra: iżda, mita ŭaslet, ma chellniex actar ŭisa għaliha.

ID-DIREZZJONI.

Jecc tigic xi difficultà biex iggib din l'ittra fil *Habib*, iftacar, Sur Direttur, bil cunxenza tiegħec ta Malti galantom, chif jen nafec, li din m'hix qŭistjoni ta *Politica*, imma ta *Patrijottiżmu* !

Mela, iccorriegili l'ortografija u urini iddaŭl fil ħarġa li ġejja.... għax *iż-żejjed imbidded*, biex ma ngħidiliex b'dac il proverbju taljan li hu tant f'ħalk il Maltin !

Dejjem tiegħec,
R. T.

## Ma dûar id-dinja.

*Aŭstrja*—Fl'14 tax-xahar ħabat l'anniversarju tal Cungress Eŭcaristicu li sar Vienna is-sena li għaddiet. Bħala tifchira ta dan il jum inġabru fuk il post li fuku għandha tinbina Cnisja bħala monument, l'Imperatur, bosta Arciduchi u Arciduchissi, Ministri, Deputati u l'Ufficjali u id-dinjitari tal Korti Imperjali, flimchien mal Cleru. L'Arciskof Piffl bierec il Post. Poplu immens assista għall funzjoni u applaŭda bil kalb lill'Imperatur.

*Grecja.*—Il Grecja ŭara il vittorja fuk it-Turchija, tħoss il bżonn li ticber iżjed ; u, forsi, bħall Italja, issir Potenza mil cbar. Fi ħsiebha tŭakkaf flotta cbira ta bastimenti cbar, li għandhom jiġu maħduma l'Inghilterra, Franza u Germanja.

Costantinu, Re tal Grecja, mar Franza sabiex iżur il President. Iżda ŭara xi chelmiet ftit mikiusa, li Costantinu kal fil Germanja ftit jum ilu, il Pulizija ta Franza beżgħet li il Poplu jagħmillu dimostrazzjoni chergħa; għaldakstant ŭasal Parigi bħala *incognitu* (*ħadd ma jaf min hu, taparsi*) u fl'istazzjon tal Ferrovija mar jilkgħu biss l'Ajjutant tal President, u ħarġu mil bieb tal maħżen tal mercanzija. Ħafna ġurnalisti u fotografi inġabru kuddiem il lucanda *Lotte*, li fiha chellu imur Costantinu, iżda tkarrku għaliex hu niżel f'lucanda fil krib u minn ŭara għadda fl'oħra. Dan chien biża fieraħ, għaliex il parigini, chif chien jixrak, ureŭ kima versu lejħ.

Ir-Re Costantinu, ŭara Franza, fi ħsiebu jagħmel żjara lir-Re tal Italja.

*Inghilterra*—Ix-xoperu tan-nies tal Ferrovija chellu tmiem u cull-ħadd raġa mar għax-xogħol: iżda f'Dublin, fil ŭakt li ix-xoperanti chienu għaddejja processjoni, attaccaŭ u kalbu carozza ta tram u ħabtu għall Pulizija, u xeħtu contra taħħa ħaġar u fliexchen: —bosta,seŭŭa *dimostranti*, chemm Pulizjotti, geŭ feruti u meħudin li Sptar.

L'Ammiraljiat, f'Novembru li ġej, sejjer jibgħat diversi flotti sabiex jingħakdu mal flotta tal Mediterran għall manuvri. Mita daŭn jispiċċau, il flotti hecc mgħakkdin, li icunu jicconsistu fi 8 bastimenti tal battaljia, 3 incrocjaturi tal battaljia, 8 incrocjaturi oħra mil cbar, 8 incrocjaturi żgħar, imorru Lixandra u f'Portijet oħra, sabiex l'Inghilterra turi il kaŭŭa taħħa.

*Germanja*—L'Imperatur u ibnu il Princep Ereditarju jinsabu micsurin—u dana għaliex il Principissa, mart il Princep Ereditarju, ma timxix scond il kalb tal Imperatrici, imma tħobb tilbes mal moda parigina, li ma hija xejn onesta. Il Princep Ereditarju, li għal ħtija oħra, chellu jibka sa ottubru impedut imur fil balli, issa b'ordni tal Imperatur giè sospis għal sena oħra.—X'tagħlim cbir hua dan għalina ! Chemm u chemm missierijet u chemm ommijet chien imisshom igibu ruħhom hecc ma uliedhom u man-nisa taħħom,li huma ucoll jilbsu ŭisk la parigina u joffendu l'onestà tant sabiħa fuk il mara.

*Disgrazzja*—Il famus Farman fil ŭakt li chien itir ma martu ŭaka u chiser sieku.

*Italja*—Il gimgħa li ħarġet tempesta cbira ŭakgħet fuk Ruma u il pajjiżi ta madŭara.Is-silġ oħxon,li xi ŭaħdiet chienu jiżnu 13 l'ukija, chisser il fanali u il ħġieġ tat-tŭieki—u kered il għeneb u iż-żebbuġ

Chif igħidu erba' fizzjali toroc, li miċ-Cerinajca ŭaslu il Cajr, għad hemm fiċ-Cerinajca 30 fizzjal torc u 250 suldat, igħinu l'għarab—u li fi ħsiebom sa l'aħħar taħt il General Senussi jiccumbattu it-taljani.

*Għors Politicu*— Ingħad li il Princep Carlu tar-Rumanja hua għarus mal Gran Duchissa Olga tar-Russja, u li il Principissa tar-Rumanja hija għarusa ma Ġiorġ il Princep Ereditarju tal Grecia.

L.M.C.G.

## Miraclu li sâr haŭn Malta.

IR-RELIQŪARJU TA VERDUN.

Nakraŭ f'ġurnal religjus ( *Semaine Religieuse de Verdun*—23 Dic: 1911 ) dan il fatt li ġara fl'Abbatija tal Carmnu, f'Malta.

Geŭŭa Verdun ( belt franciża ) fit-triek li illum hija imsejjħa *San Victor* tinsab Abbatija tas-Sorijet fkar, li isejjħulhom *Clarissi*. Din l'Abbatija giet magħluka ma ħafna oħrajn fir-Rivoluzzjoni Franciża il cbira (1789 ). Fil Cnisja ta dic l'Abbatija chien jinsab reliqŭarju sabiħ ŭisk. Meta ŭaslet il ġurnata li id-dar chellhom iħalluha għal-collox, is-Superjura iccunsinjat dac ir-reliqŭarju lil żeuġ Sorijet, u daŭn ħaduħ maħħom fiddar ta missierhom, fi Bruen ( Brouennes, belt oħra franciża ). Kabel ma mietu, daŭn iż-żeuġ Sorijet icconsenjaŭ dan ir-reliquarju lin-nepputijet taħħom, li chienu jgħammru f' *Juvigny les Dames*.—In-nisel taħħom għadu jinsab f'Verdun.—Din il familja chienet verament nisranija; tât żeuġ Kassisin, li ŭieħed minnhom miet Kaddis u l'ieħor miet vittima tad-devozzjoni tiegħu lejn il Fidi Nisranija l'għada stess li ordna Sacerdot. Alla għażel ucoll minn din il familja nisranija żeuġ nisa li it-tnejn saru Superjuri tal Abbatija.—Ŭaħda minn daŭn it-tnejn, meta ftit snin ilu il Franciżi reġgħu checceŭ is-Sorijet collha, giet haŭn Malta, u fetħet Cunvent tal Carmlitani : dan il Cunvent jinsab l'Imdina, fuk il lôc fejn chien jokgħod San Publju (is-Seminarju). Din is-Superjura xtaket dejjem li f'dan il Cunvent iggib dac ir-reliqŭarju li chien il għaxka taħħa meta chienet tifla, u li kuddiemu chienet tgħaddi tant siegħat f' talb l'actar ħelu. Itlob u gib min jitlob, sa fl'aħħar niesha iccuntentaŭha, għamlu sacrificcju u bagħtuhulha haŭn Malta.

Malli ŭasal, is-Sorijet għamlulu festa li ma bħalha. — Niżlu jircevuħ fil bieb tal Cunvent, cull Soru b' xemgħa f' idha mixgħula, u ŭassluħ il Côr bil processjoni, dejjem icantaŭ l'Innu tar-Reliqŭiji mkaddsa, u kegħduħ fil Côr, fuk trôn, kalb ix-xama u il fjuri. Fil ŭakt li is-Sorijet chienu mixħutin għar-rcopptejhom jitolbu, ŭaħda Novizza Maltija chellha il grazzja li tara viżjoni, li imlietha collha bil għageb: kalet li chienet kiegħda tara, câr ħafna, ŭaħda f' cull genb tar-reliqŭariju, żeuġ Religjusi (Sorijet) li hi ma chienetx tafhom, għar-rcopptejhom, ŭiċċhom mimli dija, u fuk ŭiċċhom chienet tilmaħ cuntentizza collha tas-Sema.

Malli ħarġet mil Cappella, marret bil għaġla għand is-Superjura biex tirraccuntalha collox u collha mistgħagba chif is-Sorijet l'oħrajn ma raŭ xejn.—Imma dic in-Novizza ħasset dispjacir cbir għax il daŭc iż-żeuġ Religjusi li rat, ma chienux Carmlitani bħalhom. Is-Superjura, b'rekka cbira, għagħlitha tgħidilha chif chienu liebsin ; u mid-descrizzjoni taħħa sâbet li daŭc iż-żeuġ Kaddisin chienu jappartienu lill'Ordni tas-Sorijet *Clarissi*. Mingħajr telf ta żmien, reġgħet marret il Cnisja man-Novizza u hemm ġagħlitha tirraccuntalha cull-ma chienet kiegħda tara, għax il viżjoni chienet għadha ma spiċċatx. Bla ebda dubju, daŭc iż-żeuġ Religjusi chienu *Clarissi*; u ngħid bla ebda dubju, għax din in-Novizza Maltija mhux biss li katt ma rât *Clarissi*, imma l'ankas ma chienet taf li jeżisti l' *Ordni tal Clarissi*.

Il probabiltà hi li daŭc iż-żeuġ Religjusi tal Viżjoni chienu daŭc l'antenati li chienu mcheccija minn Verdun fir-rivoluzzjoni il cbira tal 1789 u li huma dehru biex jiccunsenjaŭ *officjalment* ( bil *jedd collu* ) linnepputijet taħħom dâc ir-reliqŭarju li darba chien il għaxka tal Cunvent taħħom. Sa chemm ir-reliqŭarju dâm fil Côr, il Viżjoni bakgħet tidher: biss ma dehritx iżjed meta ir-reliqŭarju giè imkiegħed f'postu, fejn chellu jibka' u għadu.

( Mil ġurnal *Rome* ).
Dr. G. Busuttil.

FIL MEŬT
TA'

## MARIJA BONAVIA.

Sunett.

Bħal mita xbejba sâfja takta fjur
Minn geŭŭa ġnien sabiħ, fejn chien jitrabba,
Illi ta l'art u 's-sema chien l'imħabba,
U 'l għaxka ta' cull min chien ħdejħ imur.

Hecc, bla ma tŭaħħxet, mietet dic li sgur
Midfuna tibka' f'kalb dac li tant ħabbha,
U f'kalb dic l'omm, hecc tŭajjba, li minħabba
Fiha, mischina, ġarrbett ŭisk dulur.

B'għajnejha ċassi, lesta għal ġo 'l kabar,
Lill maħbub taħħa tât ħarsa ta ħniena,
Li donnha riedet tgħid: «Gjuseppi, istabar.

Il meŭt hi xorti, u ŭisk aħjar għalija
Immur infaħħar issa ll'Alla jiena,
Milli nokgħod f'din l'art b'cull xeŭc mimlija.»

G. Sapiano-Lanzon.

## Is-«St. John Ambulance Association»

MALTA

1. Il Ħamrun, nhar-il-Ħamis, fis-6, ŭara nofs in-nhar, icun hemm *Conferenza* fuk il « First Aid » ( l'eŭŭel għajnuna) fl'iscola tal Gvern.

2. Li Msida,nhar-il-Ħadd, fid-9 ta filgħodu, icun hemm *Conferenza* fuk il « First Aid », fl'iscola tal Gvern.

3. Il Belt, nhar-il-Gimgħa, fil-5, ŭara nofs in-nhar, jibda Esami tal « First Aid ».

4. Is-sinjuri Socii tal Brigade tal Belt mitlubin imorru fuk *Porta Reale*, bejn il-5 u is-7 ta ŭara nofs in-nhar, l'Erbgħa (24) jeŭ il Gimgħa (26) biex jisimgħu ir-Rapporti tas-Sena.

W. R. Gatt,
Segretarju.

FRAC TAD-DEHEB.

Mara għaklija, dâr għaklija u ulied għaklin.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

TAHBIT IL MOHH.




S. S.

L'aħħar *Monoverb* chien :
*Midfna*

Raġa ma giebux ħlief ŭieħed mil Belt: imma din id-darba is-Sur G. Gaŭci.